# L-Anġlu Kustodju Meqjum fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta

*Minn Andrew Borg*

*L-istatwa tal-Anġlu Kustodju li tinsab fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, ma tantx wieħed jara bħalha, u nistqarr li hija waħda li taffaxxinak. Ngħid għalija l-anġli minn dejjem kienu esseri li ġibduli l-attenzjoni, u għaldaqstant inħobb infittex, nirriċerka u naqra fuqhom, daqs kemm inħobb nitpaxxa bi stampi tagħhom, pitturi u anke statwi bħal din. Il-Bażilika Karmelitana mhijiex nieqsa minn dawn il-figuri sbieħ tal-anġli, li narawhom kemm fi statwi, pitturi, u anke f'ornamenti u paramenti sagri oħra li jintużaw kemm matul is-sena kif ukoll fi żmien il-festi liturġiċi. Għaldaqstant ħsibt li nibda din il-kitba tiegħi billi nitratta b'mod ġenerali t-tema tal-anġli, biex imbagħad niffoka fuq l-anġli kustodji. Flimkien se naraw min huma dawn l-anġli, x'tgħallimna l-Knisja dwarhom, u kif żviluppat id-devozzjoni lejhom matul iż-żmien. Fit-tieni parti ta' dan l-artiklu, nitkellmu speċifikatament fuq l-Anġlu Kustodju u l-fratellanza tiegħu fi ħdan din il-Bażilika, u sintendi waqt li qed nagħmlu dan nitrattaw ukoll l-istatwa li diġà semmejna, il-kappella bl-altar ddedikat lilu u anke l-festa li issir f'ġiehu.*

## L-EWWEL PARTI: IL-KORI KOLLHA TAL-ANĠLI

Forsi wieħed, meta jitkellem fuq l-anġli, mill-ewwel jassoċċjahom mal-Milied. Għandek dik ix-xena tal-qtajja' tal-anġli li dehru lir-rgħajja f'dak il-lejl li fih twieled Ġesú Bambin. Imbagħad jiġuna f'moħħna anġli protagonisti fl-istorja ta' Sidna ġesú Kristu, sa minn qabel mat-twieled, bit-tħabbira tal-anġlu Gabriel lil Marija u ftit wara lil Ġużeppi; kif ukoll wara t-twelid, bl-anġlu li jwiddeb lil Ġużeppi biex jaħrab bis-Sagra Familja lejn l-Eġittu, biex jeħles lil Ġesù Bambin mill-għadab tas-Sultan Erodi; u fl-aħħarnett, anke ftit qabel il-mewt tal-istess Sidna Ġesù Kristu, meta anġlu tal-Mulej jidhirlu fl-ort tal-ġetsemani. Iżda l-anġli ma nsibuhomx biss fil-ħajja ta' Ġesù, iżda fl-istorja tas-salvazzjoni kollha kemm hi, u allura nsibuhom protagonisti kemm-il darba, kemm fit-Testment il-Qadim, kif ukoll fit-Testment il-ġdid. Biżżejjed insemmu t-tkeċċija ta' Adam u Eva mill-ġnien tal-Għeden, is-sagrifiċċju ta' Iżakk minn missieru Abraham, il-ħolma ta' ġakobb bis-sellum tiela' lejn is-sema u bl-anġli telgħin u neżlin miegħu, l-anġli



*Dettall tal-kwadru ta' Santa Tereża inkurunata minn Sidna Ġesù Kristu li juri wkoll lil Anġlu Rafael ma' Tobija*

fil-forn jaqbad jipproteġi lit-tliet żgħażagħ mitfugħa hemm mis-Sultan Nebukadnezzar, u Tobija u l-anġlu Rafael.[1]

Id-dehra tagħhom hi x'aktarx waħda mistħajla u maħluqa mill-bniedem, billi dawn fil-verità huma spirti u ġisem bħal tagħna m'għandhomx. Fit-testment il-qadim insibuhom jixbhu ħafna lill-bniedem, x'aktarx dejjem irġiel u mingħajr ġwienaħ, għalkemm il-profeta Isaija jagħtina din id-deskrizzjoni meta jitkellem fuq il-kategorija ta' anġli hekk msejħa serafini:

*'Il fuq minnu kien hemm serafini,*
*kull wieħed b'sitt ġwienaħ:*
*bi tnejn kienu jgħattu wiċċhom,*
*bi tnejn kienu jgħattu riġlejhom,*
*u bi tnejn jittajru.*[2]

Isaija mela jitkellem dwar is-serafini, u allura nifhmu li hemm tipi differenti ta' anġli. Fil-fatt minbarra l-anġli u l-arkanġli, li huma l-uniċi żewġ kategoriji ta' anġli li jagħmlu kuntatt ma' bnedmin, hemm kategoriji oħra, fosthom is-serafini, li diġà semmejna u l-kerubini. San Pawl jestendi din il-lista għal disa' kategoriji, li dwarhom imbagħad ikellimna l-monaku

1 ZACZEK, Iain, 2007, *Angels – Artists and Inspirations*: ktieb mimli b'immaġini mill-isbaħ ta' anġli, meħuda minn pitturi magħrufa li juru xeni minn dawn imsemmija hawnhekk.
2 ISAIJA, Kap 6, v. 2

Sirjan, Dijonisju fit-trattat tiegħu *Dwar il-ġerarkiji Ċelesti.*[3] Dawn id-disa' kategorgiji ta' anġli filfatt jissejħu kori, li jinġabru fi tliet ġerarkiji. L-iktar importanti fosthom huwa l-anġli-kunsilliera li jinkludu s-Serafini, il-Kerubini u t-Troni, li kienu, għadhom u jibqgħu l-eqreb lejn Alla. Taħthom hemm l-anġli-gvernaturi, li jinkludu s-Setgħat, id-Dominji u l-Virtujiet, li għandhom f'idejhom il-kontroll tal-univers, bil-kwiekeb u l-elementi kollha tiegħu. Fl-aħħarnett hemm l-anġli messaġġiera, li jinkludu l-Prinċipalitajiet, l-Arkanġli u l-Anġli. Hemm studji differenti li jvarjaw fil-mod kif jikklassifikaw l-anġli, kif jiddeskrivu d-dehra tagħhom u anke r-rwol tagħhom fis-sema. Aħna hawnhekk se nibqgħu fuq il-klassifika li tana Dijonisju[4], imsemmi aktar' il fuq.

**Is-Serafini**

Dawn huma l-anġli li jieħdu ħsieb it-tron ta' Alla, li jsemmihom il-profeta Isaija, kif rajna iktar kmieni. Isimhom – serafini – jfisser dawk li jħeġġu bħan-nar, u l-ħeġġa tagħhom jesprimuha f'kant kontinwu ta' tifħir lil Alla: *Qaddis, qaddis, qaddis!*[5] L-innu ta' tifħir tagħhom intennuh aħna l-insara bil-kant sabiħ tat-*Te Deum* u anke f'kull quddiesa qabel il-konsagrazzjoni. Jingħad li hemm erba' serafini u dawn ma jitilqu qatt mill-preżenza t'Alla u ma jieqfu qatt ifaħħruh u jxandru t-tifħir tal-glorja tiegħu mal-erbat irjieħ. Kif diġà għidna Isaija jiddeskrivihom b'sitt iġwienaħ, filwaqt li l-ktieb Lhudi 'ta' Enok' iżid li għandhom ukoll erbat irjus.[6] Jingħad li minnhom toħroġ dija tant qawwija, li ħadd, l-anqas l-anġli l-oħra, ma jista' jħares lejhom.[7]

**Il-Kerubini**

Dawn filfatt huma l-ewwel anġli li jissemmew fil-Bibbja. Fil-ktieb tal-Ġenesi[8] nsibuhom jgħassu bi xwabel tan-nar is-Siġra tal-ħajja fil-ġnien tal-Għeden. Fil-ktieb tal-Eżodu[9] mbagħad insibuhom wieħed fuq kull naħa tal-Arka tal-Patt, imnaqqxa kif riedhom il-Mulej. Imbagħad fl-Ewwel Ktieb tas-Slaten jissemmew mil-ġdid fit-tempju ta' Salamun[10]. Il-Profeta Eżekjel jilmaħ erba' minnhom ħdejn ix-xmara Kebar u



*Ġesu' jiġi ikkonfortat mill-anġlu fil-ġnien tal-Ġetsemani qabel il-passjoni.*

jiddeskrivihom ukoll: *Kull wieħed kellu erba' uċuħ: wieħed wiċċ ta' gendus, it-tieni wiċċ ta' bniedem, it-tielet wiċċ tal-ljun u r-raba' wiċċ ta' ajkla*[11]. Skond San Tumas t'Aquinas, Satana, dak li aħna komunament insejħu "ix-xitan" kien fil-fatt Kerubin li waqa' mill-glorja. Dawn il-kerubini m'għandniex nitfixkluhom mal-puttini, jiġifieri dawk l-anġli forma ta' tfal ħelwin u mbaċċin, użati ħafna fl-Arti Sagra.

**It-Troni**

Isimhom ġej mis-simboli li jirrappreżentawhom bħala l-anġli tal-ġustizzja. Jinsabu flimkien mas-serafini u l-kerubini fl-ogħla ġerarkija, ħdejn Alla l-Imbierek, u huma, filfatt, simboli ħajjin tal-ġustizzja u l-awtorità li huma perfetti fil-Mulej Alla li jista' kollox. Jissemmew minn San Pawl fl-ittra tiegħu lill-Kolossin meta jistqarr: *għax fiH kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx. Troni u ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.*[12] Jissejħu wkoll Ofanimi, u dan l-isem ifisser roti, għax filfatt hemm deskrizzjoni tagħhom li ġġibhom bħal roti f'roti b'ħafna għajnejn idawwruhom.[13]

**Id-Dominji**

Ninżlu issa għall-ġerarkija tan-nofs, fejn l-ewwel insibu d-Dominji, u xogħolhom hu li jmexxu l-anġli ta' taħthom fil-ħidma tagħhom. Dawn għandhom l-inqas kuntatt mal-bnedmin, għalkemm ironikament huma mpinġija bħala bnedmin sbieħ b'par ġwienaħ ma' daharhom,

3 DIJONISJU, kien Neoplatonist Nisrani li kiteb tard fis-seklu V jew kmieni fis-seklu VI. Ara t-test fis-sit http://plato.stanford.edu/entries/pseudo-dionysius-aeropagite/
4 *Ibid.*
5 DAVIDSON, Gustav, 1971, *A Dictionary of Angels (including the fallen angels)*, The Free Press NY, p. 267
6 *Ibid.*
7 Ara s-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian angelic hierarchy
8 ĠENESI, Kap. 3, v. 24 "U qiegħed il-Kerubini n-naħa tal-lvant tal-ġnien tal-Għeden, u s-sejf tan-nar iżiġġ, biex iħarsu t-triq għas-siġra tal-ħajja."
9 EŻODU, Kap 25, v. 18 "Tagħmlilha żewġ kerubini tad-deheb mastizz, u tqegħedhom wieħed kull naħa fiż-żewġt itruf tal-għatu."
10 SLATEN I, Kap 6, v. 23 "U għamel żewġ kerubini taż-żebbuġ għas-santwarju, kull wieħed għaxart idriegħ għoli."
11 EŻEKJEL, Kap 10, v. 14
12 KOLOSSIN, Kap 1, v. 16
13 Ara s-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian angelic hierarchy

proprju kif komunement inpinġu l-anġli.[14] Jiddistingwu rwieħhom bid-dwal li joħorġu mix-xettri jew mix-xwabel tagħhom.

**Il-Virtujiet**
Dawn m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-virtujiet tal-bniedem għax filfatt xogħolhom jidher li huwa wieħed aktar astronomiku. Filfatt xogħolhom hu li jieħdu ħsieb il-movimenti ta' dak kollu li hemm fl-ispazju; xmux, kwiekeb, qmura.[15] Davidson iżda jattribwilhom ħidma li tista' tolqotna aktar mill-viċin għax f'idejhom huma l-mirakli[16] li jippermetti Alla l-imbierek bl-interċessjoni tal-Madonna, San Ġużepp jew il-qaddisin l-oħra tiegħu. Iż-żewġ anġli tal-Axxensjoni jingħad li kienu mill-ordni tal-Virtujiet: *il-Virtujiet tas-Sema, hekk kif rawH tiela', dawwruH biex setgħu jakkumpanjawH.*[17]

**Is-Setgħat (jew Qawwiet)**
Dawn huma s-suldati tas-Saltna t'Alla, maħluqin biex ikunu lejali dejjem lejH. Jingħad fil-fatt li ebda wieħed mis-Setgħat qatt ma' waqa' mill-glorja t'Alla.[18] F'idejhom hu l-kontroll tat-tqassim tal-qawwiet u setgħat fost il-bnedmin, u minn dan filfatt, ġej isimhom. Dijonisju jgħid li huma dawn is-Setgħat li jżommu lix-xjaten milli jaħkmu d-dinja kompletament.[19]

**Il-Prinċipati**
Nidħlu fil-ġerarkija ta' taħt, li tinkludi l-Prinċipati, l-Arkanġli u l-Anġli. Dawn jaħdmu u jikkollaboraw mas-Setgħat għalkemm huma distinti minnhom. Huma l-protetturi tar-Reliġjon, u jieħdu ħsieb ukoll il-mexxejja tad-dinja u jgħinuhom jieħdu deċiżjonijiet tajbin.[20] Hemm oħrajn li jgħidu li l-Prinċipati huma wkoll sorsi ta' ispirazzjoni għall-bnedmin fil-qasam tal-Arti u x-Xjenza.[21]

**L-Arkanġli**
Niġu issa għaż-żewġ kategoriji li aħna l-aktar midħla tagħhom, l-anġli u l-arkanġli, li kif jindika isimhom huma 'fuq l-anġli.' Filfatt it-terminu Arkanġlu, (miktuba bl-ittra A kbira), jirreferi għal dawk l-anġli li huma fuq l-anġli, li huma mexxejja tagħhom.[22] Dijonisju iżda jqigħedhom fit-tmien livell, fuq l-anġli ordinarji li jinsabu fid-disgħa livell.[23] Hemm seba' arkanġli, skond San ġwann:[24] *Imbagħad rajt illi lis-seba' anġli li qegħdin quddiem Alla ngħatawlhom seba' trombi.* Il-Ktieb ta' Enok, ktieb Lhudi li semmejna aktar kmieni jsemmihom b'isimhom: *Uriel, Raguel, Michael, Seraqael, Gabriel, Haniel, Raphael.*[25] L-aktar tlieta magħrufa fosthom huma San Mikiel, San Gabriel u San Rafael li l-festa tagħhom liturġikament hi ċċelebrata fid-29 ta' Settembru. Lill-Arkanġlu Mikiel nafuh bħala dak li ħadha kontra x-Xitan u l-anġli ribelli tiegħu, għalhekk ismu stess jesklama: Min Hu Bħal Alla? Lill-Arkanġlu Gabriel nafuh bħala l-anġlu ħabbar, kemm ta' Marija kif ukoll ta' Ġużeppi. Filwaqt li l-arkanġlu Rafael jissemma fil-Ktieb ta' Tobit, fejn insibu lill-Arkanġlu nnifsu li jistqarr ma' Tobit: *Jiena Rafel, wieħed mis-seba' anġli, li qegħdin quddiem il-maestà tal-Mulej, u nistgħu nersqu lejh.*[26]

**L-Anġli**
Dawn fil-fatt huma fl-aktar ordni baxx tal-ġerarkiji deskritti minn Dijonisju, u huma wkoll l-aktar qrib tagħna l-bnedmin u ta' kull ma hu ħaj fuq id-dinja.[27] Huma meqjusa bħal intermedjarji bejn Alla u l-bniedem.[28] Teoloġikament nifhmu li l-anġli nħalqu fil-bidunett tal-istorja tal-ħolqien, jew saħansitra qabel tibda l-istorja tal-ħolqien kif nafuha aħna, u nħalqu kollha fl-istess ħin *tota simul.*[29] L-anġli ma jipprokreawx u għaldaqstant, l-anġli li nħalqu fil-bidu taż-żminijiet huma dawk li hemm illum, u ma komplewx jiżdiedu maż-żmien.

Infakkar li hawnhekk rajna d-disa' kori tal-anġli skond kif ikklassifikahom Dijonisju, iżda wieħed isib xi varjazzjonijiet, kemm fl-ismijiet kif ukoll fil-ħidmiet attribwiti lil kull kategorija ta' anġli. F'Għawdex wieħed jista' jara rappreżentazzjoni ta' dawn il-kori kollha tal-anġli fil-pitturi ta' Gianni Vella[30] li hemm isebbħu l-kappella ta' San Mikiel fil-Knisja ta' San Ġużeppi, il-Qala. Filfatt fil-kopletta ta' din il-kappella nsibu s-serafini, l-kerubini, it-troni u l-arkanġli, filwaqt li fil-pendenti naraw il-virtujiet, il-prinċipati, is-setgħat u d-dominazzjonijiet. Imbagħad fil-lunetta hemm impittra x-xena ta' San Mikiel ixejjen lix-xitan, li fiha sintendi jidhru wkoll l-anġli. L-awtur Gustav Davidson,[31] li hawnhekk irreferejt għalih kemm-il darba, għamel studju profondissimu dwar l-anġli, u fir-riċerka tiegħu meraġħ 'il hinn mir-reliġjon tagħna u sab ħafna qbil dwar dawn l-esseri sopranaturali f'diversi reliġjonijiet oħra. Intant il-ktieb tiegħu jiġbor fih ukoll l-ismijiet kollha tal-

14 *Ibid.*
15 Ara s-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian angelic hierarchy
16 DAVIDSON 1971, op. Cit., p. 307
17 *Ibid.*
18 Għalkemm hemm oħrajn li jsostnu anzi li x-xitan kien xi darba l-Kap tas-Setgħat, aqra fis-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian_angelic_hierarchy
19 *Ibid.*
20 DAVIDSON 1971, op. Cit., p. 229
21 Ara s-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian angelic hierarchy
22 DAVIDSON 1971, op. Cit, p. 51
23 Ara s-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian angelic hierarchy
24 APOKALISSI, Kap 8, v. 2
25 DAVIDSON 1971, op. Cit., p. 51
26 TOBIT, Kap. 12, v. 15
27 Ara s-sit http://en.wikipedia.org/wiki/Christian angelic hierarchy
28 DAVIDSON, op. Cit., p. 20
29 *Ibid.* Din insibuha wkoll fis-sit www.valleybible.net/Adults/ClassNotes/TheologySurvey/Angels/OriginOfAngels
30 THEUMA, Ġużeppi, 2006, L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti, Edizzjoni PIN, p. 200
31 DAVIDSON, op. cit.



*Idejalment insibu dik ix-xena tat-tfal qed jaqsmu bejn fonqod bil-protezzjoni tal-anġlu kustodju*

anġli li huwa sab fil-kollezzjoni lettararja tiegħu dwar dawn l-imberkin anġli. Sintendi ma jħallix barra l-anġli kustodji, li dwarhom se nitkellmu hawnhekk.

## L-Anġli Kustodji

Tiġina f'moħħna minnufih dik l-istampa li minn jaf kemm ħarisna lejha meta konna żgħar: stampa li turi anġlu sabiħ qiegħed imexxi tifel, jew tifla, jew lit-tnejn, u jgħinhom jaqsmu minn passaġġ dejjaq li fuq kull naħa tiegħu hemm sies għoli, li jekk taqa' minnu żgur tkorri serjament, jew tmut. Dan hu l-anġlu kustodju li kienu jkellmuna dwaru l-għalliema tal-primarja, jew il-katekisti, inkella s-soċi tal-Museum. Magħhom tgħallimna wkoll it-talba: *Anġlu t'Alla, illi fit-tjubija tiegħU, Alla tani, biex tħarisni, dawwalli moħħi, ħarisni, żommni u mexxini f'dan il-jum. Hekk ikun.* L-ideja kienet tappellalna, u konna nħossu wens bih, li nafu li dejjem qiegħed hemm magħna. Imbagħad konna niskantaw meta jiġrilna xi ħaġa u nweġġgħu, jew naqilgħu xi xebgħa minn xi bulì, u bejnna u bejn ruħna konna ngħidu "mela fejn kien l-anġlu kustodju" jew "jaqaw raqad l-anġlu tiegħi." Imma l-mamà jew il-papà mbagħad kienu jgħidulna "Setgħet ġietek agħar. L-anġlu kustodju ħellishielek!" U Allura konna nserrħu moħħna – eh mela hemm kien l-anġlu kustodju wara kollox, konna aħna li ma ndunajniex bih!

L-anġli kustodji wkoll kienu suġġett li qanqlu interess fost l-istudjużi, ir-riċerkaturi, u anke l-artisti li pittruhom jew skolpewhom f'opri tal-arti mill-isbaħ. L-ideja ta' spirti li jieħdu ħsieb il-bniedem tmur lura ħafna fiż-żmien u nsibuha anke lil hinn mir-reliġjon tagħna. Ma rridx nidħol f'ħafna dettall dwar dan iżda nsemmi li l-Assirjani u l-Babilonjani ħolqu skulturi li jirrafiguraw figuri ta' kustodji sopranaturali.[32] Il-Filosofi Klassiċi ukoll insibuhom jitkellmu dwar l-eżistenza ta' dawn l-esseri, u anke l-Knisja maż-żmien daħħlet dan il-kunċett fil-kultura tagħha, iżda ma nsistix mill-ewwel mal-fidili, li dan hu artiklu ta' fidi. Iżda meta l-Protestanti bdew jistqarru d-dubji tagħhom fl-eżistenza tal-anġli, il-Knisja ħarġet tiddefendihom bil-qawwa kollha.[33] B'riżultat ta' dan, filfatt, inħolqu festi lokali f'ġieħ l-anġli u anke partikolarment f'ġieħ l-anġli kustodji. Hekk ġara f'Cordoba fl-1579 u f'Valenzja fl-1582. Eventwalment il-popolarità ta' dawn il-festi nfirrxet ma' pajjiżi oħra sakemm imbagħad iddaħħlu wkoll fil-Kalendarju Liturġiku.

## X'Tgħallimna l-Knisja Dwar l-Anġli Kustodji

Tajjeb li f'dan il-punt nagħtu titwila lejn il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u naraw x'hemm fih dwar dawn l-imberkin anġli. F'artiklu 311 il-Katekiżmu[34] jgħallimna li *L-anġli u l-bnedmin, ħlejjaq intelliġenti u ħielsa, jridu jimxu lejn id-destin aħħari tagħhom b'għażla ħielsa u mħabba preferenzjali.* Mela l-anġli huma ħolqin t'Alla bħalna, u huma liberi bħalna, għalhekk bħalna setgħu jagħżlu d-dnub, mingħajr ma Alla jwaqqafhom, kif x'uħud fil-fatt għamlu. Artiklu 326 jagħlaq billi jgħidilna li s-"sema" u l-post fejn igħammru dawn *il-ħlejjaq spiritwali tal-anġli li huma madwar Alla.*

Taqsima 1 tal-ħames Paragrafu tat-Tieni Sezzjoni li titratta "L-istqarrija tal-Fidi Nisranija" hija ddedikata kollha kemm hi lill-anġli. Hawnhekk insibu li l-eżistenza tal-anġli hi verità tal-fidi (Artiklu 328). San Pawl jfissrilna li l-anġli huma spirti fil-waqt li anġelika hija l-azzjoni tagħhom (Artiklu 329) u din l-azzjoni hi x'aktarx waħda ta' messaġġiera. Artiklu 330 imbagħad jiddeskrivihomlna u jgħidilna li huwa spiritwali, li għandhom intelliġenza, li għandhom rieda, li għandhom isem (jiġifieri huma distinti minn xulxin għalkemm spirti), li huma immortali, li huma eqreb t'Alla f'dik li hija perfezzjoni, meta mqabbla mal-kumplament tal-bnedmin: *Dan tixhdu d-dija tal-glorja tagħhom.*[35] Artikli 331 sa

32 ZACZEK, 2007, op. Cit., p. 120
33 *Ibid.*
34 L-edizzjoni li użajt ta' *IL-KATEKIŻMU TAL-KNISJA KATTOLIKA*, huwa dak maħruġ mill-Arċidjoċesi ta' Malta fl-1993. In-numri jirreferu għall-paragrafi u wieħed jista' jsibhom faċilment mingħajr ma jkun jaf il-paġna.
35 Ara DANJEL, kap 10, v. 9-12

333 jirreferuna għal testi fil-Bibbja li jixhdu interventi anġeliċi, kif rajna diġà aktar kmieni f'dan l-artiklu.

Importanti għad-diskors tana hawnhekk huma l-aħħar tliet artikli f'din it-taqsima, Artikli 334-336, għax dawn jitrattaw l-anġli fil-ħajja tal-Knisja, jiġifieri fil-ħajja tagħna. Fl-Atti tal-appostli nsibu diversi ċitazzjonijiet li juruna li *l-ħajja kollha tal-Knisja tikseb ġid mill-għajnuna misterjuża u setgħana tal-anġli.*[36] Fil-Liturġija aħna bħala Knisja (Artiklu 335), ningħaqdu mal-anġli f'kull quddiesa li nisimgħu meta ntennu *Qaddis Qaddis Qaddis*! F'mumenti oħra tal-Liturġija nitolbu l-għajnuna tagħhom: hekk nagħmlu fit-talba *Miċ-ċokon tagħna nitolbuk* tal-Kanoni Ruman; jew fit-talba li tingħad waqt il-funerali, *ħa jwassluk l-anġli tas-sema.* Imbagħad barra minn dan, il-Knisja tiċċelebra wkoll b'mod partikulari t-tifkira ta' xi anġli (San Mikiel, San Gabriel, San Rafael, l-Anġli Kustodji).

Artiklu 336 jitkellem bl-aktar mod ċar dwar l-anġlu kustodju li għandu kull wieħed u waħda minna: *Mit-tfulija (ara Mt. 18, 10) sal-mewt (ara Lq 16, 22) il-ħajja tal-bniedem hi mħarsa minnhom (ara Salm 34, 8; 91, 10-13) u bit-talb tagħhom (ara Ġob 33, 23-24; Żak, 1, 12; Tob, 12,12). "Kull nisrani għandu ħdejh anġlu bħala protettur u ragħaj tiegħu ħa jwasslu għall-ħajja."(San Bażilju l-Kbir,* Adversus Eunomium *3, 1; PG 29, 656B). Minn hawn fuq l-art, il-ħajja nisranija għandha sehem, bil-fidi, fix-xirka ħienja tal-anġli u tal-bnedmin magħqudin ma' Alla.* Dan l-artiklu fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika ma jħalli l-ebda dubbju li fit-twemmin tagħna nħaddnu wkoll il-fidi fl-eżistenza tal-anġli li qegħdin hemm biex igħinuna.

Mela mat-twelid ta' kull tarbija, anġlu kustodju jiġi assenjat lilha biex iħarisha. Hekk nemmnu aħna l-insara. Interessanti wieħed igħid li fit-Talmud, il-Lhud jemmnu li matul il-ħajja tiegħu bniedem wieħed jiġi assistit f'xi mument jew ieħor ta' ħajtu minn numru fenominali ta' anġli: 11,000 anġlu kustodju.[37] Dawn jemmnu wkoll li kull ħaġa ħajja għandha tindokraha anġlu tas-sema.[38] Filfatt iktar kmieni rajna kif diversi kategoriji ta' anġli huma mogħtija rwoli ċelesti importanti anke minn kittieba u studjużi nsara.

## L-Anġli Kustodji fl-Arti Sagra

Wieħed jista' jibqa' jikteb dwar dawn l-imberkin anġli, għax huwa suġġett tabilħaqq affaxxinanti. Tant hu hekk li kienu ħafna l-artisti li matul iż-żmien affaxxinaw ruħhom minn dan is-suġġett u interpretawh f'opri tal-Arti mill-isbaħ. Hemm ġmiel ta' pitturi li juru l-anġli fl-episodji kollha li semmejna, u xi oħrajn li stajna ħallejna barra, fl-istorja tas-salvazzjoni. Hawnhekk se nsemmu ftit li għażlu li jirrafiguraw lill-anġli kustodji.

Filfatt fil-perjodu Barokk rajna żieda qawwija fil-pitturi li kienu juru l-Anġlu Kustodju. Zaczek[39] jitkellem dwar dan l-interess ġdid tal-artisti fil-kura u l-protezzjoni tat-tfal. Dan forsi kien ġej mill-fatt li dak iż-żmien ir-rata tal-mewt fit-tfal kienet waħda allarmanti, u kienu bdew ukoll jinkixfu każi koroh ta' abużi mit-tfal. Żgur li kellhom f'moħħhom dik is-silta mill-Vanġelu ta' San Mattew: *Tassew ngħidilkom li jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet. U għalhekk l-ikbar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet huwa dak li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir. U kull min jilqa' tfajjel bħal dan minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili.*[40] San Mattew ikompli jikkwota lil Ġesù: *Araw li ma tonqsux mill-istima lejn xi wieħed minn dawn iż-żgħar; għax ngħidilkom, l-anġli tagħhom fis-smewwiet jaraw wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet.*[41]

Nifhmu li l-anġlu kustodju qiegħed hemm biex jieħu ħsiebna f'din id-dinja, iżda r-rwol tiegħu huwa aktar wieħed li għandu x'jaqsam mal-kura ta' ruħna milli ta' ġisimna. Dan fehmuh l-artisti, bħal ngħidu aħna Pietro da Cortona[42] fil-ġmiel ta' pittura tiegħu li ġġib id-data tal-1656. L-anġlu grazzjuż li qed jieħu ħsieb daqsxejn ta' tfajjel, billi jżommlu jdejh, jidher qed jinqata' mill-art fil-waqt li b'idu l-oħra qed jipponta lejn is-sema, bħal biex juri lit-tifel li f'dik id-direzzjoni huwa kien se jwasslu. U dan hu proprju dak li qed jagħmel l-anġlu kustodju li għandna fil-Knisja tal-Karmnu l-Belt, iżomm idejn it-tifel b'id waħda u jipponta lejn is-sema bl-oħra.

Pittura oħra suġġestiva hija dik ta' Isobel Lilian Gloag, li għexet bejn l-1868 u l-1917, iżda ma nafux meta pittret din l-opra. Hawnhekk għandna erba' anġli li qed jieħdu ħsieb tfajjel li qiegħed fis-sodda. Wieħed jifhem li din il-pittura hija sspirata mill-għanja ħelwa Ingliża li tgħid: *Matthew, Mark, Luke and John, Bless the bed that I lie on! Four corners to my bed, Four angels round my head; One to watch, one to pray, And two to bear my soul away!*[43] Mill-ġdid wieħed jinnota anke f'din il-għanja tat-tfal l-emfasi li minn fuq il-ġisem (bis-sodda li ttih serħan) timxi għal fuq ir-ruħ (li t-tfajjel jitlob li meta tittajjar 'il fuq, din tkun megħjuna minn żewġ anġli).

F'dan id-dawl nifhmu anke dik is-santa ta' tfulitna li ddeskrivejna fil-bidu tad-diskors tagħna

36 ATTI TAL-APPOSTLI: Kap 5, v. 18-20; Kap 8, v. 26-29; Kap 10, v. 3-8; Kap 12, v. 6-11; Kap 27, v. 23-25.
37 DAVIDSON, *op. cit.*, p. 128
38 *Ibid.*
39 ZACZEK, *op. cit.*
40 MATTEW, Kap 18, v. 3-4
41 MATTEW, Kap 18, v. 10
42 ZACZEK, *op. cit.*, p. 120-1
43 *Ibid.*

fejn il-passaġġ dejjaq qalb is-sisien għolja u perikolużi mhumiex għajr simbolu tal-ħajja tagħna li hija ttentata kontinwament mill-perikli tar-ruħ. U huwa proprju minn dan il-periklu, li l-anġlu kustodju, jipprova jbegħidna, aktar milli minn xi tgerbiba taraġ, inkella aktar gravi minn hekk, minn xi daqqa ta' karozza. Għidt jipprova jbgħedna, u hekk hu filfatt, jipprova. Għax aħna, bħalu u daqsu maħluqin intelliġenti u liberi, kif rajna aktar kmieni, u għaldaqstant niddeċiedu aħna, jekk nisimgħux mill-parir tiegħu jew le. L-Anġlu Kustodju jmexxina, jiggwidana iżda mhux ikaxkarna jew jobbligana. Il-libertà hi kollha tagħna, u allura r-responsabbiltà hija wkoll kollha tagħna.

## IT-TIENI PARTI
## L-ANĠLU KUSTODJU FIL-KNISJA TAL-KARMNU, TAL-BELT VALLETTA

Fil-bidu ta' dan l-artiklu għidt li kienet il-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt, u b'mod partikulari l-istatwa grazzjuża tal-anġlu kustodju li tinsab meqjuma ġewwa fiha, li sspirawni nikteb dan l-artiklu, għalhekk huwa xieraq li issa ndawru l-attenzjoni tagħna proprju fuq din il-knisja u naraw ir-rabta li għandha ma' dawn l-imberkin anġli. Filfatt minbarra l-imsemmija statwa u l-kwadru sabiħ li hemm fuq wieħed mil-altari laterali, li dwarhom se nitkellem fid-dettall iktar'il quddiem, f'din il-knisja nsibu aktarimmaġini mtajra u msaħħra ta' dawn il-kreaturi li tant huma popolari fostna l-insara, u anke fost persuni ta' twemmin ieħor. Ma nistgħux ma nibdewx mis-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, li fil-kwadru tiegħu jidhru żewġ anġli qed jinkurunaw lill-Madonna. Pittura oħra li tinsab f'din il-knisja u li tinsab fuq l-altar ta' San Elija wkoll tinkludi l-figura sabiħa tal-anġlu li kien iżur lill-profeta msemmi, u li hu tant marbut mal-Ordni tal-Karmelu. Fuq l-altar ta' Santa Tereża, flok il-kwadru li hemm illum li huwa ta' Giulio Cassarino,[44] kien hemm kwadru ieħor li kien juri lill-imsemmija qaddisa qed tiġi nkurunata bil-ward minn Ġesù Kristu. Fl-istess kwadru kien jidher ukoll l-Arkanġlu Rafael qiegħed ikellem lil Tobija filwaqt li jaqbdu minn spalltu – arkanġlu fi rwol ta' anġlu kustodju.[45] Erba' anġli glorjużi jdawwru ċ-ċelu tat-tribuna bażilikali li ssebbaħ dan it-tempju Karmelitan, filwaqt li jżommu f'idejhom skrizzjonijiet. Sintendi wieħed jista' jsemmi dekorazzjonijiet oħra, ornamenti u paramenti sagri li jsibu aktar immaġini sbieħ tal-anġli, imma mbagħad ma' nispiċċaw qatt. Għalhekk jaqbel li issa nikkonċentraw ftit fuq l-anġlu kustodju.

### L-Istatwa tal-Anġlu Kustodju

Waħda mill-istatwi sbieħ ili jżejnu l-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta, hija dik tal-Anġlu Kustodju. L-istatwa – jew vara, biex insejħulha hekk, billi din fiż-żmien kienet tinħareġ għall-purċissjoni – tirraffigura *anġlu sabiħ ferm, bi ħwejġu mtajrin, bil-ġwienaħ ftit merfugħin'il fuq.*[46] L-anġlu grazzjuż għandu ħarsa li timplika sens ta' sigurtà u kuraġġ. Jidher qed jagħti l-wens lil daqsxejn ta' *tifel żgħir bla ħwejjeġ*[47], *li l-anġlu qed iżommu b'idu x-xellugija filwaqt li idu l-oħra qiegħda mgħollija 'l fuq lejn is-sema. L-istatwa hi xogħol Francesco Dimech*[48]. *Minn tagħrif li għandha l-Komunità Karmelitana fl-arkivji tagħha*[49] *jidher li l-Kjeriku Biagio Santo flimkien ma' ċertu Tomaso Costa, it-tnejn kummissarji deputati li kienu qed*



*Dettall mit-tribuna bażilikali li wkoll hija mżejna b'erba' anġli.*

44 Il-Kwadru ta' Giulio Cessarino juri lil Santa Tereża t'Avila, skond THEUMA, Ġużeppi,2006, *L-Arti fil-Knejjes Minn Mitt Pittur Malti*, Edizzjoni PIN, p.109

45 Dan il-kwadru llum jinsab fil-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt.

46 SAMMUT, P. Lawrenz, 1952, *Is-Santwarju tal-Karmnu*, p. 83. Ktieb antik li hu ferm interessanti, li wasal għandi grazzi għal-webmaster tas-sit tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt, is-sur Christian Pace. Fih ħames taqsimiet li jitrattaw (1) l-Istorja tal-Bażilka, (2) l-Inkurunazzjoni tal-Madonna, (3) Konfraternitajiet u Xirkiet, (4) id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu u (5) is-VII Ċentinarju tal-Labtu f'Malta u Għawdex. Barra dawn hemm taqsima miżjuda dwar kunventi u knejjes tal-Karmnu f'Malta.

47 *Ibid.*

48 Qabel (ara Sammut, nota nru. 1) kien hemm il-fehma li x-xogħol kien ta' Vincenzo Dimech, iżda d-dokumenti juru mod ieħor (kif jispjega Dr John Debono fl-artiklu "L-Istatwi tal-Madonna tal-Karmnu tal-1871 u tal-Anġlu Kustodju u l-Iskulturi Tagħhom" fil-pubblikazzjoni Festi Solenni Madonna tal-Karmnu Belt Valletta 2006, pp. 31-45; tista' tikkonferma dan ukoll billi tara wkoll is-sit http://talkarmnuvalletta.webs.com/ilvari.htm )

49 *Ibid.*



*L-Istatwa tal-Anġlu Kustodju*

**Il-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju**

Għidna li kienet l-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju, li xtaqet u filfatt ordnat u ħallset, din l-istatwa. F'Malta kellna u għad għandna numru kbir ta' konfraternitajiet fi ħdan il-knejjes tagħna, iżda naħseb ma nkunx żbaljat jekk ngħid li din tal-Anġlu Kustodju fil-Knisja tal-Karmnu tal-Belt hija waħda unika. Sammut igħidilna li twaqqfet fl-1748 u *malajr kibret.*[53] Fil-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt għad hemm id-dokument uffiċċjali tal-erezzjoni tal-imsemmija konfraternità, kif ukoll kwadru b'lista tal-ewwel membri mniżżla kaligrafikament, kif kienet id-drawwa li jsir qabel ma' bdew jinżammu r-reġistri – liema reġistri wkoll għadhom jinżammu b'għożża fl-istess kunvent.[54] Daqs mitejn sena wara t-twaqqif tagħha, iżda, l-imsemmija konfraternità kienet bdiet tmajna sew, tant hu hekk li l-Pirjol tal-Belt ta' dak iż-żmien[55] ħaseb biex, flimkien mal-ftit fratelli li kien għad fadal – *bilkemm kien fadal ħdax-il fratell* – jagħtiha spinta u jiġbdu lejha membri ġodda biex jagħtuha l-ħajja mill-ġdid. Dan għaliex hu ħass li *din il-Konfraternità hija waħdanija f'Malta, kif ukoll il-għaliex hija taħt il-Patronċinju tal-Anġlu Kustodju, li jirrappreżentaw il-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju, ippreżentaw rikors lill-Isqof biex ikunu jistgħu jordnaw statwa tal-patrun tagħhom, u dan kien aċċettat fil-11 ta' Jannar 1757. Jumejn wara, eżattament fit-13 ta' Jannar tal-istess sena, Carmine Gioiosa, li kien il-Prokuratur tal-imsemmija konfraternità, iffirma ftehim mal-istatwarju magħruf Francesco Dimech, biex jiskolpixxi statwa li turi l-anġlu kustodju qed jieħu ħsieb ta' tfajjel. Fil-kunvent hemm statwa żgħira tal-anġlu kustodju, li hemm min igħid, li setgħet kienet l-abbozz ippreżentat mill-istatwarju lill-imsemmija fratellanza.*[50] *Il-ftehim kien igħid li kellu jintuża' injam tal-punent. Ix-xogħol, skond dokumenti oħra, jidher li tlesta u kien wieħed sodisfaċenti, nhar Santa Marija, jiġifieri fil-15 t'Awwissu 1757. Dan ifisser li qed nitkellmu dwar statwa li għandha 'l fuq minn mitejn u ħamsin sena. L-ispiża, dak iż-żmien, laħqet is-somma ta' 70 skud li kienu jkopru l-iskultura, imbagħad tħallsu 50 skud ieħor għall-induratura.*[51] *Rigward l-induratura nistgħu nżidu li, skond il-pirjol preżenti, l-aħħar li ndurah kien ċertu Aquilina.*[52]

50 Ħajr lill-Pirjol, Patri Martin Schembri, O.Carm. li nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2012 ġentilment qagħad idawwarni mal-kunvent biex jurini x'għad baqa' xi jfakkarna f'din il-konfraternità. Irrid nżid nota ta' apprezzament għall-persuni bħal Patri Martin, li huma ftit u imprezzabbli, għax nies bħal dawn huma l-gwardjani u l-kuraturi ta' dak kollu li ħallewlna missirijietna, u li ma kienx għalihom, kollox jintrema bħala imbarazz.

51 *Ibid.*

52 Ħajr lil Patri Martin għal dan it-tagħrif.

53 SAMMUT, 1952, *op. cit.*, p. 169.

54 Mill-ġdid ħajr lil Patri Martin li urieni dawn l-oġġetti prezzjużi u storiċi.

55 Il-Pirjol tal-Belt ta' dak iż-żmien – 1950ijiet – inzerta l-awtur tal-ktieb imsemmi, Patri Lawrenz Sammut.



*Statwa li jista' jkun li kienet l-abbozz tal-vara tal-anġlu kustodju*



Dokument uffiċjali tal-elezzjoni
tal-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju



*Kwadru b'lista tal-ewwel membri*
*mniżżla kaligrafikament*

*lejh għandu jkollna qima speċjali.*[56] Il-ħidma jidher li tat il-frott mixtieq għaliex fil-21 t'April 1951 saret vestizzjoni li fiha daħlu tmintax-il membru ġdid, ħdax minnhom irġiel u sebgħa nisa, filwaqt li sal-aħħar tal-istess xahar kienu żdiedu tnax-il membru ieħor.[57] Fit-22 ta' Mejju tal-istess sena kienu eletti l-uffiċċjali ta' din ix-xirka rxuxtata,[58] iżda jidher li bħala Rettur tħalla dak li kien hemm, jiġifieri s-Sur Ġużè Farrugia mill-Belt. Bħala Patri Spiritwali tal-Konfraternità ngħażel il-pirjol innifsu, Patri Lawrenz Sammut. Din il-ħidma ġiet inkurunata, biex ngħidu hekk, bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-fratellanza msemmija fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu ta' dik is-sena, li kienet waħda speċjali fl-okkażjoni tas-XII Ċentinarju tal-Labtu.[59]

Sammut jagħtina wkoll tagħrif dwar l-ilbies ta' din il-fratellanza:[60] il-fratelli kienu jilbsu *kunfratija bajda, fi żmiemhom kurdun abjad, u midaljun bix-xbieha tal-Anġlu Kustodju mdendel minn għonqhom għal fuq sidirhom. Dari kellhom ukoll pellegrina bajda tal-istess drapp tal-kunfratija*, iżda mid-dehra, fuq talba tal-fratelli stess, din ma baqgħetx tintlibes. Interessanti ħafna r-rabta li kellha din il-fratellanza mal-forka bit-tgħalliq. Sammut igħidilna li kienu l-fratelli ta' din il-fratellanza li *kienu joħorġu jiġbru u jassistu mal-imgħallqin*, u biex jagħmlu dan kienu jilbsu *kappell abjad bil-faldi kbar u bosta ġmiemel imdendlin miegħu.*[61] Filfatt dan l-istess kappell kien id-distintiv li jintuża fuq it-tubru li kien jintrama f'Novembru għall-funerali speċjali tal-konfratelli u l-konsorelli tal-imsemmija konfraternità.

## Il-Kappella tal-Anġlu Kustodju

Tkellimna dwar il-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju u dwar l-istatwa grazzjuża tagħha, iżda filfatt din ma kenitx l-unika teżor li kellha. Il-konfraternità irsistiet biex akkwistat, irranġat, u ħadet ħsieb tul ħafna snin ta' kappella li wkoll ġiet iddedikata lill-Anġlu Kustodju. Fil-knisja l-qadima din kienet it-tielet kappella max-xellug ta' min ikun dieħel mill-bieb ewlieni. Sammut jagħtina wkoll tagħrif dwar din il-kappella li mid-dehra kienet tispikka fost l-oħrajn għax *il-prospettiva tagħha hija għal kollox differenti differenti minn tal-kappelli l-oħra kollha għaliex fiha erba' kolonni li jkomplu jsebbħuha.*[62] L-altar kien tal-irħam u kien sar fl-1873 meta ħa post wieħed li

56 SAMMUT, 1952, op. cit., p. 171
57 *Ibid.*
58 Fil-mawra li kelli fil-Kunvent tal-Patrijiet, imsemmija f'nota nru. 7, Patri Martin urieni wkoll l-hekk imsejjaħ boxxlu tal-vot, li kien jintuża' minn din il-fratellanza. Il-fratelli kienu jitfgħu f'dan il-boxxlu boċoċ bojod jew ħomor skond jekk jaqblu jew ma jaqblux.
59 *Ibid.*
60 *Ibid.*, p. 170.
61 *Ibid.*
62 *Ibid.*, p. 44.



*Il-Kappella tal-Anġlu Kustodju fil-Knisja l-Qadima*

kien tal-injam. Kien jixbah lil dak tal-Lunzjata u fi żmien meta ħaditu f'idejha l-Fratellanza tal-Anġlu Kustodju kien iddedikat lill-Madonna tas-Saħħa, għalkemm maż-żmien kien sar ukoll magħruf bħala l-altar ta' San Blas.

Sammut jispjega kif seħħ dan ukoll.[63] Din il-kappella li kienet patronata mill-familja nobbli Santa-Maura, kif igħidna, kienet iddedikata lill-Madonna tas-Saħħa, u fil-fatt l-imsemmija familja kienet ħalliet dota biex tkun tista' ssir il-festa ta' kull sena, dan minbarra legati oħra relatati mal-istess devozzjoni. Maż-żmien inbidel il-kwadru ta' fuq l-altar, u dan minbarra l-Madonna tas-Saħħa bilqiegħda fuq tron, kien jinkludi wkoll il-figuri ta'erba' qaddisin, li minħabba fid-daqs kbir tagħhom kienu jispikkaw iktar mill-imsemmija Madonna. Fost dawn, u proprju fin-nofs, kien hemm *San Blas liebes ta' isqof bil-baklu miżmum b'idu x-xellugija u mġenneb għal fuq spalltu l-leminija, filwaqt li b'idu l-leminija qiegħed imiss il-griżmejn ta' tfajla ta' xi tnax-il sena, li qiegħda n-naħa tax-xellug tiegħu, u mill-ħarsa tiegħu lejn is-sema jidher li qiegħed jitlob'l Alla biex ifejqilha griżmejha.*[64] Probabbilment il-mard tal-griżem kien qed jippreokkupa n-nies ta' dak iż-żmien għax jidher li San Blas ġibed l-attenzjoni tan-nies u l-altar imsemmi beda jġib ismu. Filfatt Sammut jikkonferma li mill-*1673 nsibu li l-kappella bdiet ukoll tissejjaħ ta' San Blas.*[65]

63 *Ibid.*, p. 46

Iddevjajna xi ftit, imma ridna nkunu ċari dwar liema kappella qed nitkellmu u fejn tefgħu għajnejhom dawk li kellhom ix-xewqa li jwaqqfu l-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju. Filfatt dawn in-nies avviċinaw lis-Sinjura Rosa, li kienet dixxendenti tal-familja nobbli Santa-Maura, u talbuha biex tagħtihom din il-kappella li qed nitkellmu dwarha. Din aċċettat u mhux biss tathom il-kappella bl-altar b'kollox iżda anke l-kannierja li tiġi eżatt taħtha.[66] Sintendi, l-fratelli ferħu b'din l-aħbar u biex juru lil kulħadd il-bidla li saret fil-patrunat tal-kappella ordnaw mill-ewwel kwadru tal-patrun tagħhom, jiġifieri tal-Anġlu Kustodju. Sammut jgħidilna li t-twaqqif tal-fratellanza fil-fatt ikkonċida mad-dedikazzjoni tal-kappella u f'dik is-sena stess *bdiet issirlu l-festa fit-tielet ħadd ta' Ottubru.*[67]

## Il-Kwadru tal-Anġlu Kustodju

Il-kwadru ikkummissjonat mill-fratellanza huwa xogħol sabiħ tal-magħruf Francesco Zahra u huwa kopja tal-magħruf pittur Kalabriż, Mattia Preti. Sciberras[68] jgħidilna filfatt li din hija kopja fidila ħafna tal-kwadru sabiħ ferm tal-Anġlu Kustodju li jinsab fil-Knisja tal-Verġni tal-Isem Imqaddes ta' Marija, f'Tas-Sliema[69]. Minħabba li l-post fejn kellu jitqiegħed il-kwadru kien jieħu aktar fit-tul, Zahra ħaseb biex mal-kopja ta' Preti jżid il-Verġni Marija b'Ġesù tarbija fin-naħa ta' fuq. Ninnutaw ukoll il-figura ta' San Blas, b'ilbies ta' isqof, li probabbilment iddaħħal f'dan il-kwadru bħal fil-każ tal-Madonna, b'sens ta' rispett lejhom peress li l-altar ta' qabel kien iddedikat lilhom.[70] Sciberras[71] jitkellem ukoll

64 *Ibid.*, p. 46
65 *Ibid.*
66 Fil-Kunvent illum għad hemm pjanta tal-kannierja li turi biċ-ċar fejn kienet it-taqsima riservata għall-fratelli tal-Anġlu Kustodju fl-imsemmija kannierja. Wieħed irid jiftakar li din it-taqsima kienet taħt fejn kien qiegħed l-altar tal-Anġlu Kustodju fil-knisja l-antika, u mhux taħt dak tal-lum. Fil-kunvent hemm ukoll statwa tal-ġebel tal-Anġlu Kustodju li kienet fil-kripta, u li ġġib il-firma ta' Tomaso Gauci u d-data tal-1763. ħajr mill-ġdid lil Patri Martin li uriena dawn ukoll.
67 *Ibid.* P. 43
68 SCIBERRAS, Keith, 2010, *Francesco Zahra 1710-1773 His Life and Art in Mid-18th Century Malta*, p. 73
69 Skond is-sit www.kappellimaltin.com din il-kappella llum hi magħrufa bħala 'Tal-Grazzja' u tinsab faċċata tal-knisja parrokkjali ta' Stella Maris, Tas-Sliema. L-istess sit jikkonferma li f'din il-knisja hemm żewġ kwadri ta' Mattia Preti, *wieħed minnhom juri l-Anġlu Kustodju u l-ieħor lis-Sagra Familja.*
70 Ta' min igħid li l-kwadru li kien hemm qabel f'din il-kappella għadu miżmum b'għożża fil-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt. Patri Martin qalli li hu tal-pittur Sqalli Cordeleone.
71 *Ibid.*



*Il-Kwadru hekk imsejjaħ ta' San Blas, li llum jinsab fil-kunvent*

dwar l-ammirazzjoni kbira li Francesco Zahra kellu ta' Preti, ammirazzjoni li huwa esprimieha f'ċitazzjonijiet diretti minn xogħlijiet tal-magħruf Kalabriż kif ukoll f'kopji ta' pitturi sħaħ bħal fil-każ li semmejna hawnhekk. Minkejja dan, ix-xogħlijiet ta' Zahra jibqgħu jingħarfu mit-timbru settecentesk, li qatt ma kien jonqos, u li kien jiddistingwih bħala artist.

Il-kwadru għadu miżmum b'għożża fil-Knisja Bażilka Karmelitana u min iżur dan it-tempju jista' jarah fuq il-lemin qrib fejn jintrama l-mant għall-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Hemm kwadru ieħor tal-anġlu kustodju li skond Sciberras huwa ta' Gio. Nicola Buhagiar[72]. Dan huwa kwadru żgħir ovali u jinsab fil-kunvent tal-patrijiet. Patri Martin Schembri qalilna li dan kien ingħata b'rigal ta' rikonoxximent mill-ewwel membri tal-Fratellanza tal-Anġlu Kustodju lill-Patrijiet tal-Belt.

Dawn mhuwiex l-uniku kwadri ta' Francesco Zahra bl-anġlu kustodju bħala s-suġġett ewlieni tiegħu. Mill-ktieb sabiħ ta' Sciberras[73] nafu li hemm żewġ kwadri żgħar devozzjonali fil-Knisja tas-Salvatur, Ħal-Lija u l-ieħor fis-sagristija tal-Knisja tal-Lunzjata, Ħal Tarxien, kif ukoll żewġ kwadri oħra f'kollezzjonijiet privati. Theuma jattribwixxi tliet kwadri oħra tal-Anġlu Kustodju lil Francesco Zahra. Dawn jinsabu fl-Awla Kapitulari tal-Bażilka ta' Marija Bambina

72 SCIBERRAS, 2010, op. cit., p. 411
73 *Ibid* SCIBERRAS, 2010, op. cit., pp.216-237 fejn insibu lista tax-xogħlijiet kollha ta' Francesco Zahra.



Pjanta tal-Kannierja li tinsab fil-kunvent

l-Isla[74], fil-knisja tad-Dumnikani tar-Rabat Malta ddedikata lill-Madonna tal-Għar,[75] u fil-Mużew tal-Knisja ta' Santa Marija f'Ħ'Attard.[76]

Sintendi minbarra Zahra kien hemm oħrajn li pittru l-Anġlu Kustodju. Semmejna diġà lil Mattia Preti li tana dak ta' Tas-Sliema[77], filwaqt li mill-iskola tiegħu nsibu kwadru fil-Palazz tal-



*Statwa tal-anġlu kustodju tal-ġebel li kienet tinsab fil-kripta.*

74 THEUMA, Ġużeppi, (2006) *L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti* p. 206
75 *Ibid.*, p. 209
76 *Ibid.*, p. 203.
77 Ara nota 19




*Il-firma ta' Tomaso Gauci u d-data 1763 fuq l-imsemmija statwa.*



*Il-Kwadru tal-Anġlu Kustodju*



*Il-kwadru ovali li jinsab fis-sagristija*

President f'Ħ'Attard.[78] Fil-Katidral ta' San Pawl fil-Belt Antika tal-Imdina hemm pittura tal-Anġlu Kustodju li hija mill-iskola ta' Caravaggio.[79] Fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq hemm ġmiel ta' kwadru ddedikat lil San Ġużepp li fih jidher ukoll l-anġlu kustodju qiegħed iwieżen tifel.[80] Din ir-rabta bejn San Ġużepp u l-Anġlu Kustodju nsibuha wkoll fis-sotto-kwadru ddedikat lill-qaddis fil-knisja parrokkjali ta' ħal Kirkop.[81] F'Ħaż-Żebbuġ imbagħad hemm knisja ddedikata lill-Madonna tal-Anġli, u l-kwadru titular tagħha li hu ta' Rokku Buhagiar, jinkludi l-Anġlu Kustodju li jingħaraf għax qiegħed jwieżen tifel filwaqt li jippreżentah lil Marija Santissima.[82] Il-knisja parrokkjali tal-Mellieħa wkoll għandha l-pittura tagħha tal-Anġlu Kustodju. Din hi xogħol tal-pittur Malti Ġanni Vella.[83] F'Bormla hemm sotto-kwadru fuq l-altar ta' Santa Katerina li qiegħed f'wieħed mill-kappelluni tal-knisja parrokkjali ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni.[84]

Inħallu l-knejjes parrokkjali u nsibu aktar pitturi tal-Anġlu Kustodju fi knejjes oħra. Per eżempju fil-Knisja tal-Ġiżwiti l-Belt, insibu pittura tal-perjodu ta' wara Caravaggio, li ġġib il-firma tal-pittur Olandiż, Matthias Stom.[85] Fil-knisja tal-Madonna

78 SCIBERRAS, Keith, 2009, *Baroque Painting in Malta*, pp. 399-423

79 Ara s-sit http://caravaggio.com

80 M'għandix tagħrif ta' min hi dil-pittura iżda fis-sit http://festasanguzeppghaxaq sibt li din diġà kienet fil-knisja msemmija fis-sena 1750. L-istess sit jaċċenna fuq ir-rabta bejn San Ġużepp u l-Anġlu Kustodju u jgħid li meta twaqqfet il-Fratellanza Ġużeppina, appuntu fl-1750, din bdiet tieħu ħsieb kemm il-festa ta' San Ġużepp, kif ukoll dik tal-Anġlu Kustodju.

81 Tagħtif miġjub mis-segretarju tal-Banda San Ġużepp ta' ħal-Kirkop, is-Sur Angelo Schembri.

82 TERRIBILE, Tony, 2004, *Teżori fil-Knejjes Maltin – Is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ*, p. 213.

83 Ara THEUMA, Ġużeppi, 2006, L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti, Edizzjoni PIN, p.196

84 Ara s-sit http://www.kuncizzjoni.ewebsite.com/articles/il--knisja.html

85 Ara s-sit http://caravaggio.com

tal-ħerba li nsibu f'Birkirkara, il-kwadru titulari *juri lill-Verġni Marija fuq is-sħab b'binha Ġesù fi ħdanha, bilqiegħda f'ħoġorha, b'dirgħajha tal-lemin estiża lejn l-Anġlu Kustodju li jidher wieqaf iħares lejha waqt li jipproteġi lit-tfajjel.*[86] Dan il-kwadru hu ferm antik u jidher li sar bejn l-1668 u l-1679. Fil-knisja ta' San Anard Abbati li tinsab il-Mosta, il-kwadru titular, li hu xogħol ta' Filippo Dingli, wkoll jinkludi x-xbieha tal-Anġlu Kustodju.[87]

**Il-Festa tal-Anġlu Kustodju**

It-tieni jum t'Ottubru huwa ddedikat lill-Anġli Kustodji tagħna, u dak inhar il-Knisja tiċċelebra l-festa liturġika tagħhom. Diġà għidna iktar 'il fuq li l-festa, li kif jiġri dejjem, bdiet fuq livell lokali, bdiet issir għall-ewwel darba f'Cordoba fi Spanja fl-1579. Toledo u Valenzja kisbu dan id-dritt minn Ruma ftit wara u b'hekk il-festa tal-Anġlu Kustodju bdiet tixtered fi Spanja.[88] Kien il-Papa Pawlu V li ta imbuttatura lill-venerazzjoni tal-anġli kustodji bl-awtorizzazzjoni li ta biex issir festa u li jinkiteb uffiċċju proprju għalihom.[89] Fuq talba ta' Ferdinandu tal-Awstrija (li iktar'il quddiem kellu jsir Imperatur) l-istess Papa għamel din il-festa waħda obbligatorja, u din kellha tiġi ċċelebrata xi ġranet wara l-festa tal-Arkanġli San Mikiel, San Gabriel u San Rafael. Kien il-Papa Klement X li ffissa d-data tat-2 t'Ottubru bħala l-festa liturġika tal-Anġli Kustodji.[90] Il-Papa Ljun XIII nhar il-5 t'April 1883 kompla kabbar din il-festa billi għamilha doppja maġġuri.

Għat-2 t'Ottubru hemm uffiċċju proprju (ta' talb) fil-Brevjarju Ruman kif ukoll Quddiesa Proprja fil-Missal Ruman. Dawn jinkludu siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa li tesprimi t-tliet rwoli li għandhom l-anġli, jiġifieri, li jfaħħru lil Alla kontinwament, li jaqduh bħala messaġġiera għall-bnedmin, u li jindokraw lill-istess bnedmin. Il-vanġelu huwa dak ta' San Mattew li diġà rriferejna għalih aktar 'il fuq, billi dan jinkludi l-iktar riferenza ċara li turi li Alla ried li l-anġli tiegħu jieħdu ħsieb il-bnedmin.

*Ebda deni ma jiġrilek,*
*Ebda ħsara ma tersaq lejn darek.*
*Għax l-anġli tiegħu hu jibgħatlek,*
*U jħarsuk fi triqatek kollha.*
*Fuq idejhom jerfgħuk,*
*Li ma taħbatx ma' xi ġebla riġlek.* Salm 91: 10-12

Fil-knejjes u kappelli Maltin imsemmija iktar'il fuq żgur li kienet issir din il-festa b'ċerta pompa,



*L-altar tal-Anġlu Kustodju armat għall-festa tiegħu.*

għax il-fatt li jkun hemm kwadru jew statwa jimplika element ta' devozzjoni akbar minn knejjes oħra fejn m'hemmx. Iktar u iktar fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, fejn appuntu hemm l-unika fratellanza tal-Anġlu Kustodju, nifhmu li l-festa tiegħu kienet ta' ċerta importanza. Sfortunatament ħafna dettalji dwarha ma sibniex iżda nafu li din il-festa ilha ssir sa mill-1749, jiġifier sena wara li twaqqfet il-Konfraternità tal-Anġlu Kustodju. Filfatt meta s-Sinjura Rosa ċediet il-kappella ta' San Blas lil din il-konfraternità, dan għamlitu *bil-patt li l-Fratelli jagħtu kull sena lill-patrijiet 4 skudi u 12-il tarì kif ukoll l-ispejjeż kollha tal-festa li kull sena għandhom jagħmlu lill-imsemmi Anġlu Kustodju, u wkoll jagħmlu l-uffiċċjatura għall-Konfratelli mejtin.*[91] L-ewwel festa saret fis-27 ta' Jannar 1749, iżda dak iż-żmien ma kienx għad hemm il-vara li tkellimna dwarha iktar 'il fuq. Mid-dehra, eventwalment il-festa bdiet issir fit-tielet ħadd t'Ottubru.[92] Interessanti talba tal-konfraternità li jsemmi Sammut, fejn il-fratelli talbu li għall-purċissjoni tal-Anġlu Kustodju tinħareġ ukoll l-vara tal-Madonna tal-Karmnu,

86 Ara s-sit http://www.kappellimaltin.com/html/tal-herba.html
87 Ara s-sit http://www.malta-canada.com/churches-chapels/Mosta.htm
88 Tagħrif miġjub mis-sit www.newadvent.org/cathen/07050a.htm
89 Nilles, Nikolaus kkwotat fis-sit imsemmi f'nru. 44
90 *Ibid.*

91 SAMMUT, *op. cit.*, p. 169
92 Ara s-sit http://talkarmnuvalletta.webs.com/ilknisjalantika.htm

talba li jidher li ġiet aċċettata.[93] Tkellimna dwar dan mal-ex Pirjol Patri Patri Martin Schembri, li qalilna li din il-ħaġa ġieli saret, filfatt kienet issir ukoll fil-festa ta' San Ġużepp. Probabbilment, il-fratelli membri tal-konfraternità anġelika, li kienu nies ta' ċertu kalibru, dehrilhom li jekk il-fratelli ta' San Ġużepp, li kienu x'aktarx ħaddiema tal-id, kellhom dan il-privileġġ, huma kien jistħoqqilhom ukoll dan il-privileġġ. Patri Martin jikkonfermalna li purċissjonijiet b'żewġ vari, saru kemm-il darba, fl-istorja tal-Bażilka Karmelitana. Fil-każ ta' San Ġużepp dan nafu li seħħ fiż-żgur fl-1893 u fl-1993.



Illum mhux talli ma jsirux dawn il-purċissjonijiet b'żewġ vari, talli naqsu ħafna l-purċissjonijiet li kienu jsiru dari. Filfatt l-istess Patri Martin qalilna li mill-Bażilka Karmelitana Beltija kienu joħorġu tmien purċissjonijiet, fosthom sintendi tal-Anġlu Kustodju. Però din ilha li twaqqfet. Probabbilment saret l-aħħar lejn l-ewwel snin tas-seklu XX. Kien sar Kunsill Reġjonali li kien insista li jitnaqqsu l-ħafna purċissjonijiet li kienu jsiru, u waħda milli tneħħew kienet appuntu din tal-Anġlu Kustodju.

Madanakollu wieħed irid igħid li l-festa liturġika tal-Anġlu Kustodju għadha ssir fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Belt, u għaliha tintrama l-vara li tkellimna dwarha hawnhekk, kif ukoll l-altar tal-fratellanza – fratellanza, li għadha ħajja u li għad għandha l-membri attivi tagħha. Għaldaqstant nagħlaq billi nħeġġeġ lill-qarrejja biex jiġu jisimhu l-quddiesa tal-festa tal-Anġlu Kustodju f'din il-knisja, filwaqt li nħeġġeġ lill-patrijiet Karmelitani tal-Belt biex isibu okkażjoni xierqa li fiha din l-istatwa grazzjuża terġa' toħroġ iddur mat-toroq tal-Belt Valletta.

93 *Ibid.*, p. 170. Sammut fil-fatt igħid hekk: "*kienu talbu lill-Pirjol P. Albert Camilleri, biex fil-proċessjoni tagħhom, flimkien mal-istatwa tal-Anġlu Kustodju, toħroġ ukoll l-istatwa tal-Madonna, u tibqa' ssir ta' kull sena. Il-patrijiet laqgħu din it-talba tal-Fratelli u kkonċedew li fil-purċissjoni flimkien mal-istatwa tal-Anġlu Kustodju toħroġ ukoll l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu.*" Wieħed jistaqsi din kienet okkażjoni speċjali, jew inkella din il-purċissjoni doppja saret għal ħafna snin?


